# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2000

## tal-15 ta' Novembru 2016

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja.

(2) Jenħtieġ li ż-żewġ entitajiet jitneħħew mil-lista ta' entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif stipulat fit-Taqsima B tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif imniżżel fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KORČOK

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

*ANNESS*

I. L-entitajiet li ġejjin u l-entrati relatati jitħassru mil-lista li tinsab fit-Taqsima B tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

55. Tri-Ocean Trading

55a. Tri-Ocean Energy